**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**
**-Vs-**
**JEAN CLAUDE CAUCHI**

**Illum 23 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **JEAN CLAUDE CAUCHI** ta' 31 sena, imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Mejju 1994, iben Alfred u Isabella Mizzi residenti 57, Jason, Flat 3, Triq Pawlu Farrugia, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 225994M, akkużat talli nhar it-22 ta' Mejju 2025 għall-ħabta ta' 16:00hrs ġewwa Triq Pawu Farrugia, Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer:-

1. Attakkajt jew għamilt resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe PC 1456 Omar Sharif, filwaqt li kien jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamilt offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1456 Omar Sharif skont ma' ċċertifika Dr Gabriel Grima (Med Reg 6790) mill-Qormi Health Centre, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi ingurjajt, jew ħeddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew jinfluwixxi fuq kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz.

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi inqast milli tobdi l-ordnijiet legittimi mogħtija lilhek mill-Pulizija.

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

6. Aktar talli fl-istess, lok, ħin u ċirkostanzi soqt vettura bil-mutur tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 592, mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' għat-Transport f'Malta

7. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur u cioe' BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni EBU 592, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-awtorita' għat-trasport f'Malta biex tintuża fit-triq.

8. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur u cioe BMW bin-numru tar-registrazzjoni EBU 592 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji.

9. Aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU 592 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluż.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali biex il-proċeduri jiġu trattati bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputat dwar in-natura tar-reati li dwarhom ġie mixli u l-konsegwenza legali tal-ammissjoni u tatu ħin biex jahseb sew dwar din l-ammissjoni tal-ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tiegħu anke wara li ġie mwissi dwar il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u l-piena erogabbli u speċifikatament wara li wissietu li l-minimum tal-multa mandatorjament applikabbli fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kap. 9 huwa €6,000, filwaqt li l-minimum tal-multa mandatorjament applikabbli fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 3(1)(2)(ċ) tal-Kapitolu 104 huwa ta' €5,823.43.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensuri tiegħu, tqis li l-imputazzjonijiet

miġjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab ħati tar-reati li ġie mixli dwarhom.

Għall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li ġew kommessi mill-imputat, partikolarment dawk addebitati fl-ewwel tliet akkużi, kommessi fil-konfront ta' uffiċjal tal-Pulizija, iżda wkoll il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri. Madanakollu, f'kull każ u kif jirriżulta mill-fedina penali tiegħu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat diġa' ġie kundannat diversi drabi oħra għar-reati taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku – sija sewqan ta' vettura mingħajr liċenza tas-sewqan u sija wkoll sewqan traskurat u perikoluż – u għar-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u evidentement ma tgħallem xejn tant illi ġie wkoll denunzjat u nstab ħati li ma ħarisx it-termini ta' tliet sanzjonijiet li kien ingħata minflok piena taħt l-Att dwar il-Probation.

Issa l-piena għar-reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tiżdied skont in-numru tal-kundanni preċedenti u l-Qorti riskontrat, minn eżami tal-fedina penali, xejn inqas minn sitt kundani preċedenti għar-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 104 kif ukoll għar-reat ta' sewqan ta' vettura fit-triq mingħajr liċenza tas-sewqan. Konformement, u miżmum ferm ukoll il-fatt illi l-imputat ammetta li l-vettura li kien qed isuq ma kienetx liċenzjata biex tintuża fit-triq, ma kellux liċenzja tas-sewqan u wkoll li saq il-vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż, il-Qorti m'hijiex lesta biex teroga piena li toqrob lejn il-minimum taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(2) tal-Kap. 104.

In kwantu r-reati ferm gravi kommessi fil-konfront ta' PC 1456 Omar Sharif, għandha raġun id-difiża li l-istess att li bih l-imputat attakka u weġġa' lill-uffiċjal tal-Pulizija waqt l-eżekuzzjoni ta' dmirijietu, ta lok għal iktar minn reat wieħed, ċioe' r-reat taħt l-artikolu 96, ir-reat taħt l-artikolu 95 kif ukoll ir-reat taħt l-artikolu 221(1) kif aggravat bl-applikazzjoni tal-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9. Għalhekk, isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni b'dan li għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kap. 9 kif emendat bis-saħħa tal-

Att IV tal-2025: dan jistipola piena taħt il-paragrafu (a) ta' priġunerija minn sena (1) sa erba' (4) snin u multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000).

Iktar minn hekk, billi r-reati taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, huma separati u distinti mir-reati li ġew kommessi fil-konfront ta' PC 1456 Omar Sharif, isib riskontru bejn iż-żewġ settijiet ta' reati, kif ukoll bejn id-diversi reati addebitati fir-raba' sad-disa' imputazzjonijiet, il-prinċipju tal-konkorrenza materjali tar-reati taħt l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9. Għandha ssib applikazzjoni wkoll l-iskwalifika maħsuba fs-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Kap. 65 billi l-imputat ammetta li saq il-vettura b'sewqan perikoluż, u dan b'żieda mal-iskwalifika maħsuba taħt l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104.

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, 221(1), 222(1)(ċ), 338(dd) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 3(1)(2)(ċ) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil JEAN CLAUDE CAUCHI ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah multa komplessiva ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) u sentejn priġunerija, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li s-sentenza ta' priġunerija ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti fi żmien erba' (4) snin reat ieħor punibbli bil-priġunerija.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem ċar, ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tawtorizza lill-ħati jħallas il-multa bin-nifs iżda sa mhux iktar tard minn tliet (3) snin u għal dan il-**

**għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġsitratur, anke għall-fini tal-artikolu 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien sentejn mid-data li jkun ġie misjub ħati.**

**Għall-fini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, torbot lill-ħati b'garanzija tiegħu nnifsu sabiex iżomm il-bon ordni u l-paċi pubblika u biex ma jimmolestax lil PC 1456 Omar Sharif, taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**